MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 497/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Rebecca Abela**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 18 ta’ Frar 2003 (Dok. “A”), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Rebecca Abela.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta’ Rebecca Abela fis-somma ta’ mija u sitt elef, mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€106,155.75), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Rebecca Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B5”, “C1 sa C6”, “D1 sa D5” u “E1 sa E5”), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Mejju 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rebecca Abela

(a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti;

(b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat; u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rebecca Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuta Rebecca Abela giet interpellata permezz ta' ittra ufficcjali datata 1 ta' Gunju 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ntalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rebecca Abela (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rebecca Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Rebecca Abela thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u sitt elef, mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€106,155.75), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Rebecca Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5", "C1 sa C6", "D1 sa D5" u "E1 sa E5"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2014 sad-data tal-efettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Gunju 2012, u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-intimata Rebecca Abela li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta; tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Rebecca Abela.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------